II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/248

tas-6 ta' Frar 2017

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikoli 31(1) u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 180 u l-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1989 ([2]) il-Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija bejn l-Unjoni Ewropea u l- Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") li jaġixxu bħala Parti waħda u l-Ġeorġja, il-Ġappun, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika Kirgiża, ir-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika tal-Każakistan, ir-Repubblika tal-Korea, ir-Repubblika tat-Taġikistan, u l-Istati Uniti tal-Amerika ("il-Ftehim") ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2015, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument previst fl-Artikolu 17 tal-Ftehim ([3]).

([1]) Kunsens tad-19 ta' Jannar 2017 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1989 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija (ĠU L 290, 6.11.2015, p. 7).
([3]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI